Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell: 616/2011AE

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Daniela Cauchi u l-istess Daniela Cauchi**

**Vs**

**Duncan Mizzi**

L-Erbgha, 4 ta' Novembru, 2015.

Is-socjeta attrici pprezentat avviz tat-talba (27 ta' Lulju 2011) fejn talbet lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €1,241.95 danni li volontarjament ghamel fuq vettura Mini Cooper bin-numru GBH 357 li kienet assikurata mal-attrici taht polza ta' assikurazzjoni *comprehensive*.

Il-konvenut wiegeb:-

1) *L-azzjoni tas-socjeta' attrici hija nsostenibbli u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha billi l-istess azzjoni hija inammissibbli fil-ligi ghar-ragunijiet segwenti:*

    a) *illi ladarba l-konvenut u l-imsemmija attrici Daniela Cauchi huma mizzewwgin, id-drittijiet naxxenti mill-patrimonju taghhom jappartjeni lilhom komunament. Dawn id-drittijiet jinkludu dawk kollha illi fuqhom hija msejsa l-azzjoni tas-socjeta' attrici u cioe', id-dritt ta' propjeta' tal-vettura GBH-357, id- dritt ta' kumpens ghal hsarat ghal din il-vettura u d-drittijiet naxxenti mill-polza t'assikurazzjoni mahruga mill-attrici nomine. Fi kliem iehor, is-socjeta' attrici giet issurrogata fi drittijiet li jappartjenu lill-ecipjent u qeghda tipprova b'din l- azzjoni tezercita d-drittijiet tal-ecipjent kontra tieghu stess.*
    b) *illi l-mizzewgin ma ghandhomx dritt t'azzjoni ghal kumpens ghall-hsarat li jista' jigi ezercitat separatament minn kawza ta' separazzjoni ta' gid komuni. Id-drittijiet illi s-socjeta' attrici timagina li tinsab surrogate fihom, ma jezistux.*
    c) *Illi similarment, u kif gja inghad, l-attrici ma tipposjedi ebda dritt t'azzjoni ta' danni kontra l-eccipjent. L-azzjonijiet bejn il-mizzewgin huma dawk mahsuba specifikament fil-ligi u jigu kollha ezercitati quddiem il-Qrati Superjuri generalment wara awtorizzazzjoni.*

B'sentenza tal-5 ta' Marzu 2013 it-Tribunal cahad it-talba tas-socjeta attrici wara li osserva li l-konvenut u l-assigurata (Daniela Mizzi) huma mizzewwgin. It-Tribunal ikkonkluda li d-dritt ta' proprjeta tal-vettura, id-dritt ghall-kumpens ghall-hsarat li saru fiha u d-dritt li johrog mill-polza, jappartjenu lill-konjugi Mizzi. Ghalhekk, il-kumpannija assiguratrici dahlet fid-drittijiet tal-mara kontra r-ragel fir-rigward ta' hsara maghmula fuq proprjeta tal-komunjoni tal-akkwisti, haga li ma setatx issehh ladarba Daniela Mizzi ghadha mizzewwga. It-Tribunal kompla jghid li l-assikurazzjoni attrici ma setghet qatt tissurroga ruhha kontra l-konvenut ghaliex azzjonijiet fil-patrimonju tal-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jigu ezercitati bejn il-mizzewwgin quddiem il-Qorti tal-Familja.

Is-socjeta assiguratrici appellat, fejn qalet:-

1. Is-socjeta attrici, illum appellanti, ghandha kull dritt li tigi surrogata fid-drittijiet ta' Daniela Mizzi.
2. Ir-relazzjoni matrimonjali hu fatt ghal kollox estranju ghas-socjeta attrici li hallset ghall-hsara. Kull interpretazzjoni differenti tpoggi lill-attrici f'posizzjoni anomala peress li filwaqt li kienet obbligata thallas ghad-danni li sofriet l-assigurata, qeghda fl-istess waqt tigi prekluza milli tigi surrogata fid-drittijiet tal-assigurata.
3. L-azzjoni li pproponiet l-attrici hi ghall-hlas tad-danni kontra l-konvenut li wettaq att doluz u volontarju.
4. L-obbligu tal-kumpens hu tal-konvenut bl-assi personali tieghu (Artikolu 1327 tal-Kodici Civili).

Mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bir-rikors tal-appell, ma wegibx.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. Mill-provi rrizulta li l-vettura GBH-357 inxtrat waqt iz-zwieg bejn il-konjugi Mizzi, li m'humiex legalment separati. Il-vettura registrata f'isem Daniela Mizzi u assigurata mas-socjeta attrici. Fil-25 ta' Ottubru 2009 gewwa l-Mosta, il-konvenut ghamel hsara volontarja fuq il-vettura[1]. Il-konvenut ma sewwiex il-hsara li ghamel fuq il-vettura. Min-naha taghha l-attrici xehedet:

   *"Nghid illi dakinhar hallsu Gasan Mamo Insurance ghat-tiswija tal-vettura. Nghid illi l-pulizija kienu resquh u hu kien deher quddiem il-Magistrat, u fil-fatt dan gie kkundannat biex ihallas u biex ma jersaqx lejja ghal sena u li jhallas elf ewro (€1,000) immedjatament. Jiena ovvjament li kieku rcevejt dawn il-flus, li ma rcevejthomx, kont inhallas lil Gasan Mamo Insurance ghax huma hallsu l-ispejjez tal-karozza"* (fol. 22)

---

[1] Ara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Duncan Peter Mizzi**, 27 ta' Mejju 2010.

2. Dwar is-surroga, fis-sentenza **Untours Insurance Agents Ltd vs Salvatore Zarb** din il-qorti[2] qalet:-

*"(1) Li s-surrogazzjoni legali hi koncessa lis-socjeta` assiguratrici. Dan huwa del resto indisputat in kwantu, kif pacifikament akkolt, skond l-interpretazzjoni tas-subinciz (c) ta' l-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili, "l' assicuratore era obbligato assieme a colui che era responsabile dei danni di pagare l'ammonto di tali danni, e, quindi, in favore dello stesso vi sarebbe la surrogazione legale" (**Kollez. Vol. XXVII P III p 492**, konfermata fl- appell a **Vol. XXVII P I p 873**). Ara wkoll sentenza ta' dina l-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza per ismijiet "**Fogg Insurancies Agencies Ltd nomine et -vs- Raymond Azzopardi**", 25 ta' Frar 2004;*

*(2) Minn dan jitnissel, in tema ta' assigurazzjoni kontra d-danni, illi s-surroga ta' assiguratur fid-drittijiet ta' l-assigurat iggib successjoni partikolari fil-kreditu bit-trasferiment lill-assiguratur tad-drittijiet li kellu l-assigurat naxxenti ex-delicto kontra min ikkagonalu d-dannu. B' konsegwenza, l-assgurazzjoni hi legittimata li tagixxi bis-sahha tas-surroga kontra t-terz kolpevoli;*

*(3) Dan ifisser illi bis-surroga l-assigurazzjoni takkwista b'titolu derivattiv id-drittijiet li kellu l-assigurat, bl-istess kontenut u limiti li fihom kienu dawn l-istess drittijiet fil-mument tas-surroga. Ghaldaqstant l-assigurazzjoni tissubentra fl-identika posizzjoni, sostanzjali u processwali, tad-danneggjat di fronte ghad- danneggjant;*

*(4) Naturalment, l-awtur tal-fatt illecitu, imsejjah fil-gudizzju mill-assigurazzjoni tad-danneggjat li tkun qed tagixxi bil-fatt tas-surroga, jista' jopponi lill-assigurazzjoni l-eccezzjonijiet kollha li kienu jkunu opponibbli fil-konfront ta' l-assigurat-danneggjat*".

3. Gialadarba l-konvenut volontarjament ghamel il-hsara fil-vettura GBH-357, il-komunjoni tal-akkwisti ma tbatix dak id-dejn (ara Artikolu 1327(f) tal-Kodici Civili).

4. 'Il fatt li l-konjugi Mizzi huma mizzewwgin u mhux legalment separati, ma jfissirx li martu ma kellhiex dritt tharrku ghad-dannu li volontarjament ghamel fil-vettura GBH-357, li fir-realta' hu d-dannu li garrbet il-komunjoni tal-akkwisti. Azzjoni ntiza ghat-tutela ta' beni li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, hi proponibbli minn wiehed mill-konjugi. L-Artikolu 1322(1) tal-Kodici Civili, jipprovdi:-

   *"L-amministrazzjoni ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga".*

---

[2] Imhallef P. Sciberras.

It-tiswija tal-hsarat fil-vettura tikkwalifika bhala att ta' amministrazzjoni ordinarja. Inoltre, ghalkemm hemm zwieg ma jfissirx li l-parti li tiehu azzjoni kellha tipproponi l-ilment quddiem il-Qorti tal-Familja. Kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha (Artikolu 1031 tal-Kodici Civili). Kif osservat l-attrici, peress li f'dan il-kaz l-indennizz hu dovut bhala rimedju civili dwar reat li sar bir-rieda[3], m'huwiex dejn li jithallas bil-beni tal-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1327(f) tal-Kodici Civili). Eventwalment, jekk jirrizulta li l-konvenut personalment m'ghandux il-mezzi biex ihallas id-dejn, il-kreditur jista' *in subsidium* jinforza t-talba *"..... kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti izda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti"*.

5. Gialadarba s-socjeta attrici hallset ghat-tiswija tal-hsara li l-konvenut ghamel fil-vettura, hi giet surrogata *ipso jure* (Artikolu 1166(c) tal-Kodici Civili).

**Ghal dawn il-motivi thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-5 ta' Marzu 2013 u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u wiehed u erbghin ewro u hamsa u disghajn centezmu (€1,241.95) bl-imghax kif mitlub, u bl-ispejjez kontra tieghu.**

Anthony Ellul.

[3] Hsara volontarja (Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali).